**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**<u>Rikors nru : 197/2025 AGV ;</u>**

DD

Vs

J D

Il-Qorti;

Rat ir- Rikors ta' D D ;

Tesponi bir-rispett u tikkonferma :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tletin ta' April tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (30.4.1997) fil-Knisja Parrokkjali ta' Sant' Anna gewwa Marsaskala u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg realttiv hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

2. Illli minn dan iz-zwieg tnisslu zewgt ulied osia Y li twieldet fit-tlettax ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (13.07.2001) u I li twieled tlieta u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (23.09.2003) illi illum it—tnejn huma maggorenni.

3. Illi il-partijiet huma legalment separati minn xulxin ai termini tal-kuntratt ta separazzjoni redatt min-Nutar Dottor Melvin Polidano tal-erbgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (24.07.2014) kopja ta' liema att jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok B.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe hlas ta' manteniment jew spejjez ohra fil-konfront ta' xulxin.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante ill minbarra li huma legalment separti minn xulxin huma ilhom snin jghixu wkoll hajja totalment separati minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ottjeniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Kap 16 tal-ligijjiet ta' Malta;

7. Illi qed jigi anness mar-rikors odjern affidavit tar-rikorrenti hawn anness u immarkat bhala Dok C;

ghaldaqstant u in vista tas-suespost ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registartur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliu bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan skont dawk id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti kollha illi din din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

**Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma ppresentax risposta.**

**Rat illi, ghalhekk, setghet tghaddi ghas-sentenza.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |